# Preżentazzjoni tat-Tfal fis-Santwarju Ta' Pinu

Mons. Isqof Mario Grech, nhar is-Sibt, 2 ta' Frar, filgħaxija, mexxa ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla li fiha saret ukoll il-preżentazzjoni tat-trabi, fis-Santwarju Bażilika tal-Madonna Ta' Pinu.

Din iċ-ċelebrazzjoni, organizzata mill-Azzjoni Kattolika, fl-okkażjoni tal-Gandlora, il-Festa tal-Preżentazzjoni ta' Ġesù fit-Tempju, offriet opportunità lill-familji biex iltaqgħu mar-Ragħaj tad-Djoċesi u semgħu l-messaġġ tiegħu.

Mons. Isqof deher jagħti tifkiriet lil kull familja.



Jake ta' xahrejn fi ħdan ommu Lilian Buttigieg li toqgħod Għajnsielem




Waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla fis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu. Jidhru mix-xellug, ir-Rettur tas-Santwarju Dun Gerard Buhagiar, Mons. Isqof Mario Grech u Mons Carmelo Hili, Assistent Ekkleżjastiku Djoċesan ta' l-Azzjoni Kattolika.



Il-Kor Russu 'Vera Chamber Choir'

# Kunċert fil-Knisja Bażilika ta' San Pietru u San Pawl

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur bil-kollaborazzjoni taċ-Ċentru Kulturali Russu f'Malta tella' kunċert ta' sagħtejn fil-Knisja Bażilika ta' San Pietru u San Pawl, fin-Nadur, minn żewġ korijiet. Il-kor Russu, '*Vera Chamber Choir',* mill-iskola tal-mużika f'Moscow msemmi għal V.Y. Shebalin li huwa wkoll il-kor residenti tal-Katidral tat-Trinità Mqaddsa fir-residenza patrijarkali ġewwa Moscow. Dan il-Katidral kien mibni biex ifakkar l-1000 anniversarju tal-Kristjanità fir-Russja.

U l-kor Għawdxi *'Gaulitanos'* taħt id-direzzjoni tas-surmast Colin Attard akkumpanjat fuq l-orgni minn Stephen Attard.

Wara l-interpretazzjoni ta' kull kor għalih, ta' għanjiet lokali tagħhom, iż-żewġ korijiet ingħaqdu flimkien għal tmiem il-programm biex interpretaw *Stille Nacht* ta' Frans Grubber u l-*Ave Verum* ta' W. A. Mozart.



Il-Kor Għawdxi Gaulitanos

## AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri





John Camilleri u martu Lorna bl-ewwel tarbija tagħhom Samuel ta' disa' xhur



Pauline Debrincat Azzopardi mill-Munxar, bit-tifla Yana li għalqet sena 'l bieraħ it-Tnejn, 11 ta' Frar flimkien ma' Julia t'erba' snin u Margaret Azzopardi (xellug)



Roana ta' seba' xhur, flimkien ma' missierha Mark u ommha Diane Gafà, mix-Xaghra.

Café VALLETTA
Licenced Restaurant
12-14 O'Connell Street Sydney
Ph: (02) 9235 0455 Fx: (02) 9235 0466
Trading hours Monday to Friday - 6.30am to 4.00pm
Saturday - 9.00am to 3.00pm
Maltese Specials on offer every day
A full Maltese Menu every Saturday
Enjoy a traditional Maltese meal in the heart of Sydney!
Private functions for up to 70 guests possible
Booking for Saturday lunch is recommended.
Cafè Valletta - Joe and Miriam Portelli Sponsor of Gozo Page